MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Numru. 3/2001

**AWLA 7**

Illum 24 ta' Jannar 2001.

Il-Pulizija
Spt. Simon Galea

Vs

Carlo Mifsud
Francis Debono.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carlo Mifsud ta’ 24 sena, imwieled Pieta fl-24 ta’ Frar 1976, bin Saviour u Maria Dolores xebba Mangion u joqghod Flat 6, Bini tal-Gvern, Triq il-Weghdiet, B’Kara u bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 195176 M;

U kontra Francis Debono ta’ 22 sena, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Awissu 1978, bin John u Helen imwielda Bonello u joqghod Flat 1, Ta’ Flija Flats, Triq il-Hagra il-Wieqfa, San Pawl il-Bahar u bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 397578M;

Talli fin-Naxxar fi Frar 1999, filghaxija ma’ persuni ohra ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ghad-dannu ta’ Mario Bezzina min Naxxar u liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-persuna, bil-lok u hin.  U dan kollu bi ksur tal-artikoli 262(b), 268, 269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

Ukoll talli f’dawn iz-zminijiet f’dawn il-gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ serq u xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.  U dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikoli 262(b), 268, 269, 270, 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma’ thalli eba alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputati hatja ta’ kif akkuzati.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tillbera lil imputati Carlo Mifsud u Francis Debono, bil-kondizzjoni li ma’ jaghmlux reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza liz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------